MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 124/2002

**Francis Caruana (Gozo) Limited**

**vs**

**Dominic Grech**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut xtara f’diversi okkazjonijiet kwantita ta’ materjal tal-bini minghand is-socjeta’ attrici.

Illi in segwitu ta’ dawn il-konsenji hija dovuta s-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin lira Maltija u seba’ centezmi (Lm234.07).

Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa’ ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' fi Frar 2002 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta' Awissu 2002."

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fid-29 ta' Novembru 2002 u dik tal-lum;

Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' Dr. Michael Grech LL.D. rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u erbgha u tletin lira Matija u seba' centezmi (LM234.07) bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu 2002 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 t'Awissu 2002 a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur